Il-Kummissjoni Ewropea

# Riforma fil-Protezzjoni tad-Data tal-UE:
## *drittijiet aħjar tal-protezzjoni tad-data għaċ-ċittadini Ewropej*

**Bħalissa fl-Ewropa, 250 miljun persuna qed jużaw l-internet kuljum. Aħna qed naqsmu dejjem aktar id-data personali tagħna — kemm jekk permezz tas-servizzi bankarji online, tax-xiri online, tal-midja soċjali jew tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa elettroniċi.**

**Id-dritt tiegħek li tipproteġi d-*data* personali tiegħek hija xi ħaġa li trid tiġi salvagwardjata.** Hemm diversi riskji potenzjali, bħall-iżvelar mhux awtorizzat, serq ta' identità jew abbuż online, biex insemmu ftit. Il-protezzjoni tad-*data* personali hija dritt fundamentali għal kulħadd fl-UE.

Ir-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-data se jidħlu fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2018 u se jagħtuk aktar kontroll fuq id-data personali tiegħek u se jtejbu s-sigurtà tiegħek kemm online kif ukoll offline.

### X'inhi d-data personali?

Din hija kwalunkwe informazzjoni li tirrelata ma' individwu ħaj identifikat jew identifikabbli. Pereżempju: isem, kunjom, indirizz tad-dar, indirizz elettroniku, data dwar il-lok.

*(Iktar informazzjoni: Art. 4 (1) tar-Regolament)*

## ID-DRITTIJIET IL-ĠODDA TIEGĦEK:



**> Dritt li tirċievi informazzjoni ċara u li tinftiehem** dwar min qed jipproċessa d-data tiegħek, liema data qed jipproċessaw u għala qed jipproċessawha.

*(Art. 12-14 tar-Regolament)*

**> Dritt li titlob aċċess għad-data personali** li organizzazzjoni għandha dwarek.

*(Art. 15 tar-Regolament)*





**> Dritt li titlob fornitur tas-servizz biex jittrażmetti d-data personali tiegħek** lil fornitur tas-servizz ieħor, pereżempju meta taqleb minn netwerk soċjali tal-internet għal ieħor, jew meta taqleb għal fornitur ieħor ta' cloud.

*(Art. 20 tar-Regolament)*

>>



**> Id-dritt li "jkunu minsijin".** Inti tkun tista' titlob li titħassar id-*data* personali tiegħek jekk inti ma tkunx trid iżjed li din tiġi pproċessata, u jekk ma hemmx raġuni leġittima għall-kumpanija biex iżżommha. Pereżempju, meta tittajpja l-isem f'sistema tat-tiftix online, u r-riżultati jinkludu links għal artiklu tal-imgħoddi f'gazzetta dwar id-dejn li tkun ilek li ħallast, inti tkun tista' titlob tal-magna tat-tiftix biex tħassar il-links.

*(L-Artikolu 17 tar-Regolament)*



> F'każijiet fejn il-kumpaniji jeħtieġu **l-kunsens** tiegħek biex jipproċessaw id-data tiegħek, dawn se jkollhom jitolbuhielek u jindikaw b'mod ċar x'użu se jsir mid-data personali tiegħek. Il-kunsens tiegħek irid ikun indikazzjoni mhux ambigwa tax-xewqat tiegħek u jista' jiġi pprovdut b'azzjoni affermattiva mingħandek. B'hekk, il-kumpaniji mhux se jkunu jistgħu jibqgħu jinħbew wara termini u kundizzjonijiet legalistiċi twal li inti qatt ma taqra.

*(Art. 4 (11) u 7 tar-Regolament)*



> Jekk **id-*data* tiegħek tintilef jew tinsteraq,** u jekk dan il-ksur tad-*data* jista' jagħmillek il-ħsara, il-kumpanija qed tikkawża l-ksur tad-*data* trid tinforma lilek (u lill-awtorità superviżorja relevanti tal-protezzjoni tad-*data*) mingħajr dewmien żejjed. Jekk il-kumpanija ma tagħmilx dan, hija tista' teħel multa.

*(L-Artikolu 33-34 tar-Regolament)*



**> Protezzjoni aħjar tat-tfal online.** It-tfal jistgħu jkunu anqas konxji mir-riskji u l-konsegwenzi tal-kondiviżjoni tad-data u huma anqas konxi mid-drittijiet tagħhom. Din hija r-raġuni għala kwalunkwe informazzjoni indirizzata speċifikament lejn it-tfal teħtieġ li tiġi adattata biex tkun aċċessibbli faċilment, u tuża lingwaġġ ċar u sempliċi.

*(Art. 8 tar-Regolament)*

**> Temmen li d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tiegħek inkisru?** Inti tista' tikkuntattja lill-organizzazzjoni li żżomm id-data tiegħek. U inti dejjem tista' tressaq ilment quddiem l-Awtorità nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data tiegħek, jew tiftaħ kawża quddiem il-qorti nazzjonali. L-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data tista' timponi firxa ta' sanzjonijiet fuq organizzazzjonijiet, inkluż li tissospendi jew twaqqaf l-ipproċessar tad-data u timponi multa.

Jekk inti sofrejt danni, inti tista' titlob ukoll kumpens billi tieħu azzjoni legali kontra l-organizzazzjoni jew titlob lil organizzazzjoni mhux governattiva attiva fil-protezzjoni tad-data biex tirrappreżentak.

Ikkuntattja lid-DPA nazzjonali tiegħek https://edpb.europa.eu/about-edpb/board/members_mt

**GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI DWAR ID-DRITTIJIET TIEGĦEK SKONT IR-REGOLI L-ĠODDA DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA, INTI TISTA' TIKKONSULTA L-GWIDA WEB TAGĦNA:**

europa.eu/dataprotection

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018
© L-Unjoni Ewropea, 2018
L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Print
ISBN 978-92-79-93043-0
doi:10.2838/09793
DS-01-18-913-MT-C

PDF
ISBN 978-92-79-93063-8
doi:10.2838/667947
DS-01-18-913-MT-N